MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## ANNA FELICE

Seduta tat-13 ta' Novembru, 2013

Citazzjoni Numru. 1121/1993/1

**Felix Polidano**

**vs**

**Simon Mallia**

Il-Qorti:

Rat ic-citazzjoni mressqa minn Felix Polidano, li permezz taghha, wara li ppremetta illi:

Fl-10 ta' Marzu 1992, f'xi 9.30pm f'Ghaxaq Bye Pass, Ghaxaq, waqt li l-konvenut kien qed isuq vettura Cortina Reg no T-9838 (M) bi traskuragni, negligenza u nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku, huwa investa lill-attur waqt li dan kien qed jassisti fix-xoghol tieghu ta' Pulizija f'investigazzjoni li kienet qed issir fl-istess triq.

B'konsegwenza ta' tali incident, l-attur sofra danni ingenti, konsistenti f'damnum emergens u lucrum cessans, komprizi griehi fuq il-persuna tieghu, li hu ghadu sal-lum isofri minnhom, tant li llum isofri minn dizabilita' permanenti fil-grad u kif jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza, u spejjez ancillari, ohra inkluzi spejjez ta' kura medika u medicinali u telf ta' xoghol u konsegwenti profitt u wkoll telf ta' paga.

Nonostante diversi talbiet da parte tal-attur lill-konvenut, inkluza talba permezz ta' ittra ufficjali datata 19 ta' Lulju 1993, sabiex il-konvenut jersaq ghal-likwidazzjoni u konsegwenti hlas ta' danni minnu kkagunati lill-attur kif premess, l-istess konvenut baqa' inadempjenti.

Talbu l-konvenuti jghidu ghalfejn din l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex:

Tiddikjara u tiddeciedi li l-konvenut huwa responsabbli ghall-incident awtomobilistiku li gara fl-10 ta' Marzu 1992 f'Ghaxaq Bye Pass, Ghaxaq fid-9.30pm meta waqt li l-konvenut kien qed isuq il-vettura Cortina Reg no T-9838 (M) bi traskuragni, negligenza u nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku, huwa investa lill-attur waqt li dan kien qed jassisti fix-xoghol tieghu ta' Pulizija f'investigazzjoni li kienet qed issir fl-istess triq, u ghalhekk tiddikjara lill-istess konvenut responsabbli ghall-konsegwenti danni kollha sofferti mill-attur konsistenti f'damnum emergens u lucrum cessans, komprizi griehi personali li garrab, u spejjez ohra li hu sofra, kollox kif jigi dettaljatament ippruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

Tillikwida d-danni kollha sofferti hekk mill-attur, occorrendo taht id-direzzjoni ta' periti nominandi.

Tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur dik is-somma li tigi hekk likwidata ai termini tat-tieni domanda ta' din ic-citazzjoni bhala rapprezentanti d-danni sofferti mill-attur fl-incident premess.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittri legali u tal-ittra ufficjali datata 19 ta' Lulju 1993 u ta' l-ittri ufficjali ulterjuri

pprezentata kontestwalment kontra s-socjeta' assikurattrici tal-konvenut, u bl-imghax legali sal-effettiv pagament, kontra l-istess konvenut ingunt personalment ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet ta' Simon Mallia, li in forza taghha eccepixxa illi:

Huwa ma kienx responsabbli ghall-incident tat-traffiku msemmi fic-citazzjoni, liema incident sehh fl-10 ta' Marzu 1992 u dana kif sejjer jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

Stante li huwa ma kienx responsabbli ghal dan l-incident, l-ebda ammont ma ghandu jigi mhallas lill-attur in linea ta' danni.

Salve eccezzjonijiet ohra.

Rat il-verbal tal-11 ta' Jannar, 1994 li permezz tieghu il-Qorti diversament presjeduta hatret lil Professur Victor Griffiths biex jirrelata dwar il-griehi li sofra l-attur.

Rat ir-rapport tal-imsemmi Professur Griffiths li, pero' kien inkonklussiv.

Rat il-verbal tas-seduta tas-16 ta' Ottubru, 1995 li permezz tieghu il-Qorti diversament presjeduta hatret lil Avukat Joseph Micallef Stafrace bhala perit legali.

Rat id-digriet tas-26 ta' Settembru, 2001 li permezz tieghu il-Qorti diversament presjeduta hatret lil Dr. Abraham Galea, psikjatra sabiex jirrelata dwar l-istat mentali tal-attur.

Rat ir-rapport tal-perit legali fuq imsemmi minnu konfermat bil-gurament.

Rat il-verbal tal-Qorti diversament presjeduta li permezz tieghu inhatru bhala periti perizjuri lil Mr. Frederick Zammit Maempel, lil Dr. George Debono u lil Mr. Raymond Gatt.

Rat ir-rapport tal-imsemmija periti perizjuri minnhom konfermat bil-gurament fl-20 ta' Gunju, 2006.

Rat il-verbal tal-Qorti kif presjeduta llum li hatret lil perit arkitett Alan Saliba sabiex ihejji stima tal-valur ta' xoghlijiet.

Rat il-verbali tas-seduti kollha mizmuma mill-periti kollha u fliet minuzzjozament ix-xhieda kollha mressqa.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet lid-difensuri jittrattaw il-kawza.

Rat li l-kawza thalliet ghas-sentenza.

Ikkunsidrat illi din hija kawza li permezz taghha l-attur qed ifittex danni lilu kagunati wara incident stradali fejn huwa, ufficcjal tal-pulizija safa' mtajjar minn vettura waqt li kien qed jinvestiga reat.

Il-perit legali kkonluda li l-htija ta' dan l-incident hija kollha tal-konvenut li wera nuqqas ta' attenzjoni fis-sewqan. Il-perit legali wasal ghal din il-konkluzjoni wara li ghamel dawn il-konsiderazzjonijiet:

1. It-triq li fiha sehh l-incident kienet triq wiesgha li, ghalkemm imdawwla (l-incident sehh bil-lejl) ghandha fiha sigar li jnaqqas xi ftit l-effett tad-dawl elettriku.

2. Fuq il-post kien hemm vettura tal-pulizija li kellha jixghelu "beacon lights" u "hazard lights", possibilment ukoll "headlamps".

3. Il-konvenut naqas milli jzomm l-attenzjoni mehtieg fic-cirkostanzi.

4. Ma kien hemm ebda negligenza kontributorja da parti tal-attur, li ma ghamel ebda manuvra inkonsulta.

Il-Qorti tinnota inoltre li talba ghal periti addizzjonali saret biss ghal dak li ghandu x'jaqsam mad-danni li bata l-attur u mhux dwar responsabilita' ghall-akkadut.

Ghar-rigward tal-grad ta' dizabilita', l-ewwel perit mediku kien stabbilixxa percentwali ta' 20%. Periti perizjuri ma setghux jirrelataw dwar percentwali komplessiva u addottaw percentwali ta' 3% u 15% rispettivament. Minhabba dan in-nuqqas il-Qorti ser tistrieh fuq il-percentwali stabbilita mill-ewwel perit mediku stante li ma jistax jigi eskluz li zewg dizabilitajiet flimkien jistghu jwasslu ghall-grad ta' dizabilita' komplessiv oghla mis-semplici addizzjoni taz-zewg gradi flimkien.

<u>Lucrum cessans</u>

Fid-data tal-incident, l-attur kellu 41 sena. Il-provi mressqa juru li bejn il-paga tieghu fil-Korp tal-Pulizija, u xoghol barrani iehor, kellu qliegh ta' Lm6,500. Din il-Qorti f'dan il-kuntest, qed taddotta multiplier ta' 20 sena.

Ghalhekk,
Lm6,500 x 20 x 20% = Lm26,000

Minhabba li ghadda hafna zmien mid-data tal-incident m'ghandu jsir ebda tnaqqis minhabba "lump sum payment."

<u>Damnum emergens</u>

Jirrizulta mill-provi prodotti (ricevuti u affidavit) illi l-attur hallas Lm1,100 bhala spejjez ta' tobba specjalizzati u LM400 bhala medicini. Tilef ukoll Lm1,711.81 minn allowances meta kien qieghed fuq sick leave u light duties.

Jirrizulta ukoll mill-provi li l-attur, minbarra l-impieg tieghu mal-Korp kien jaghmel ukoll xoghol ta' mastrudaxxa. Meta wegga' u ma setax ikompli jaghmel dan, huwa kellu jirrifondi l-ammont ta' Lm480 li kienu diga imhallsa lilu ghal ordni li ma setax jonora. Ta' dan ghandu jigi kompensat ukoll.

Jirrizulta inoltre li, fiz-zmien tal-incident, l-attur kien qieghed jibni d-dar tieghu u fiha kien qed jaghmel hafna xoghol huwa stess. Wara l-incident ma setax ikompli u kellu jhallas Lm1,500 lil terza persuna biex ilesti x-xoghol minfloku. Ta dan huwa ressaq bhala prova ricevuta u ghalhekk ghandu jigi kompensat.

Finalment, huwa ghandu bzonn jqabbad ukoll barranin biex ilesti xoghol tal-injam fid-dar tieghu, xoghol li kien jaghmlu huwa stess kieku ma ndarabx. Huwa isostni li jonqsu ilesti 7 bibien u 3 arkati tal-injam li, l-perit Alan Saliba mahtur minn din il-Qorti, jistma li ghandhom valur ta' mano d'opera fl-ammont ta' Lm2,129 fl-1992 u Lm3,160 fil-gurnata tal-lum. Peress illi l-konvenut m'ghandux ibati ghad-dewmien ta' dawn il-proceduri li mhux htija tieghu, din il-Qorti qed taddotta "arbitrio boni viri" il-valur ta' Lm3,160.

Ghalhekk l-ammont li din il-Qorti tqis li ghandu jircievi bhala damnum emergens huwa ta' Lm7,952.

In konkluzjoni, ghalhekk, din il-Qorti tqis li l-ammont komplessiv ta' danni huwa:

Lucrum cessans: Lm26,000
Damnum emergens: Lm7,952
Total: Lm33,952 ekwivalenti ghal €79,086.89

Ghaldaqstant il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi, filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut, tilqa' l-ewwel talba kif dedotta, tilqa' t-tieni talba u tillikwida d-danni li bata l-attur fl-ammont ta' disgha u sebghin elf u sitta u tmenin ewro u disgha u tmenin centezmu (€79,086.89); tikkundanna lil Simon Mallia jhallas lil Felix Polidano l-ammont ta' disgha u sebghin elf u sitta u tmenin ewro u disgha u tmenin centezmu (€79,086.89); bl-ispejjez kif mitluba fic-citazzjoni.

L-ispejjez tal-kawza jithallsu minn Simon Mallia.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------